MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CAROL PERALTA

Seduta ta' l-10 ta' Ottubru, 2012

Numru. 1351/2011

**PULIZIJA**
**SPETTUR JOSEPH BUSUTTIL**

**VS**

**HERBERT ZAMMIT CORDINA**
**MARIA DOLORES ZAMMIT CORDINA**

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Herbert Zammit Cordina, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 194787 (M) u l-imsemmija Maria Dolores Zammit Cordina, detentrici tal-Karta tal-Identita` numru 95458 (M).

**Akkuzati talli:**

F'dawn il-Gzejjer u cioe` gewwa l-Imtarfa, Malta, nhar it-13 ta` Lulju, 2011, ghal habta tal-hdax u nofs ta` filghaxija (23:30hrs):

1. Minghajr il-hsieb li joqtlu jew iqieghdu l-hajja ta` Carmela Chetcuti f'periklu car, hebbu ghaliha u kkagunawlha ferita ta` natura gravi skond ma ccertifika Dr. Ramon Stavi, M.D. Reg. No. 1986, mic-Centru tas-sahha tal-Mosta;

2. Ukoll talli fl-istess cirkustanzi volontarjament kisru l-paci pubblika b'ghajjat u/jew glied u/jew b'mod iehor.

Il-Qorti giet gentilment mitluba li jekk jidhrilha xieraq, biex tipprovdi ghas-sigurta` ta` Carmela Chetcuti jew sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat, turbot lil hati b'obbligazzjoni tieghu nnifsu that penali ta` somma flus li tigi ffissata mill-Qorti.

**Il-Qorti:**

Rat u ezaminat id-dokumenti esibiti;

Semghet il-provi mressqa;

Rat l-Artikoli indikati u cioe` l-Artikoli 214, 216, 218, l-Artikolu 338 (dd) u l-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Il-Qorti tikkunsidra process ezawrit stante li x-xhud principali, Carmela Chetcuti, irrinunzjat ghall-azzjoni kriminali fil-konfront tal-imputati u ghazlet li ma tixhiedx.

Ghaldaqstant dina l-Qorti tillibera lill-imputati mill-akkuzi kif dedotti kontra taghhom minhabba nuqqas ta` provi.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------